

22003D0015

10.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 94/71

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 15/2003****tal-31 ta' Jannar 2003****li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 175/2002 tas-6 ta' Diċembru 2002 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/753/KE tas-17 t'Ottubru 2001 dwar il-kwestjonarju għar-rapporti ta' l-Istati Membri fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq il-vetturi li m'għadhomx jintużaw ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE tad-19 ta' Frar 2002 fuq il-ħtiġijiet minimi għaċ-ċertifikat tal-qerda maħruġ skond l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq il-vetturi li m'għadhomx jintużaw ⁽³⁾,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jkunu inklużi wara l-punt 32db (id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness XX tal-Ftehim:

“32dc. **32001 D 0753:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/753/KE tas-17 t'Ottubru 2001 dwar il-kwestjonarju għar-rapporti ta' l-Istati Membri fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq il-vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 282, tas-26.10.2001, p. 77).

32dd. **32002 D 0151:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/151/KE tad-19 ta' Frar 2002 fuq il-ħtiġijiet minimi għaċ-ċertifikat tal-qerda maħruġ skond l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq il-vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 50, tal-21.2.2002, p. 94).”

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2001/753/KE u 2002/151/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li għandhom jkunu ppubblikati fis-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 44.

⁽²⁾ ĠU L 282, tas-26.10.2001, p. 77.

⁽³⁾ ĠU L 50, tal-21.2.2002, p. 94.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, iżda n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom ikunu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*)

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda[t]ijiet kostituzzjonali m'huma indikati.